MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Numru 948/2011

Il-Pulizija

(Spettur Jessica Grima)

vs

Mohammed Hamdan

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' nazzjonalita' Sirjana u b' karta ta' identita' numru 21197A akkuzat li fl-14 ta'Awissu 2011 f'xi hin bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar, gewwa c-Cirkewwa limiti tal-Mellieha:

1. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed u cioe ta' PC 904 inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resitenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 904 u cioe persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz

pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur ta’ Artikolu 96 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku , qal xi kliem oxxen jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(bb) u 342 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuna inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 904, jew ma hallix jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’mod iehot, bla jedd, indahal fi dmirijietu, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq karozza u cioe Puegeot 407 bin-numru tar-registrazzjoni DBT 221 minghajr numru tar-registrazzjoni tan-naha ta’ wara tal-vettura u dan bi ksur tal-Artikolu 44 tal-Ligi Sussidjarja 368.02 Artikolu 44 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi irrifjutajt taghti jew tghajt falz lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku u cioe PC 904 waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismek, kunjomok, fejn toqghod u partikularitajiet ohra u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(g) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona L.L.D permezz ta’ digriet mahrug mill-Magistrat Dr Clarke L.L.D. fil-11 ta’ Dicembru 2010 taht diversi kundizzjonijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-fatti huma dawk kif ser jinghad: l-imputat, kien ingaggjat mas-socjeta' Arriva, gja kuntrattur tat-Trasport Pubbliku Malti u fil-gurnata u hin in kwistjoni kien xoghol it-terminal tac-Cirkewwa, fejn jitrakka l-vapur t'Ghawdex. Kien xoghol mit-3.30pm izda kien ittardja b' hames minuti. Kien mar fuq il-post fejn tax-xoghol isuq il-vettura tal-mara tieghu. Mal-wassla tieghu c-Cirkewwa waqfu pulizija li osservalu li ma kellux il-pjanca tan-numru ta'wara. Hemmhekk qam battibekk bejnu u l-pulizija. Dan tal-ahhar qallu li kien ser iharku, staqsieh biex itieh il-partikularijiet, irrivolgilu xi kliem, u saq il-vettura biex ipparkeggjha. Fil-kors tal- incident l-imputat fajjar daqqa fuq l-elmu tal-polizzjot fost insulti u tghajjir. Skond l-ufficjal prosekutur, l-ex Spettur Therese Sciberras, l-akkadut gie irregistrat f'CCTV li hemm installat fuq il-post. Il-filmat pero' qatt ma gie a konjizzjoni tal-Qorti.

Jirrusulta li l-Pulizija li mieghu l-imputat kellu l-incident hu PC 904 Manwel Pisani li x-xhieda tinsab folio 30 et seq tal-atti li sostanzjalment ikkonferma l-fatti kif elenkati fuq. Din hija bazikament il-prova li ghandha din il-Qorti anka ghaliex l-imputat ghazel li ma jixhidtx. Il-Qorti ghandna pero' rapport mill-ufficjal tal-probation li kienet innominat li hu posittiv ferm fir-rigward l-imputat.

Filwaqt li l-Qorti qeghda ssib l-imputat hati, takkolji s-suggeriment tal-ufficjal tal-probation u wara li rat l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9 b'riferenza l-ewwel zewg akkuzi u tipprefiggi bhala piena minflokk dik ta' prigunerija li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' servizz fil-komunita' ta' erbghin siegha ai termini tal-Artikolu 11  tal-Kap 446.

Dwar l-offizi kontravenzjonali li bihom l-imputat jinsab ukoll akkuzat rat l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 u tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni taghhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------